GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

# ĊIRKULARI

**Data:** **25 t' Ottubru 2022** **Ref: DDLTS 27/2022**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel Primarji (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja) u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Direttur għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**

**Suġġett: Laqgħat ta' tagħrif għall-ġenituri dwar it-tablets (OTPC) fir-Raba' Sena**

---

F'Novembru 2022 id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Transversali se jorganizza sessjonijiet ta' tagħrif bla ħlas għall-ġenituri / kustodji tal-istudenti fir-raba' sena. Dawn is-sessjonijiet ta' siegħa, se jsiru onlajn permezz tal-MS Teams.

Id-Direttorat jirrikonoxxi l-irwol kruċjali li l-ġenituri u l-kustodji qegħdin ikollhom fl-edukazzjoni ta' wliedhom. Is-sessjonijiet offruti se jgħinu lill-parteċipanti jifhmu aħjar, kif bl-użu tat-tablets OTPC, uliedhom jistgħu jibbenefikaw mit-tagħlim formali u informali waqt li jassiguraw il-benesseri tagħhom.

L-iskejjel huma mitluba jinfurmaw lill-ġenituri/kustodji kollha li għandhom it-tfal fir-Raba' sena dwar dawn is-sessjonijiet u jħeġġuhom biex japplikaw onlajn. Biex jirreġistraw għal waħda mis-sessjonijiet, il-ġenituri jistgħu jużaw din il-ħolqa: https://form.jotform.com/222902271057349

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**